# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tas-7 ta' Lulju 2016

Talba Numru: 866/15NHV

Numru fuq il-Lista: 9

**WasteServ Malta Limited**
(C 30560)

**vs.**

**Josette Berry**
(K.I. 531672 M)

**It-Tribunal**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-6 ta' Novembru 2015, illi permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet mingħand il-konvenuta il-ħlas tas-somma ta' tlett' elef tmien mija u ewro u żewġ ċenteżmi (€3,801.02) li jirrappreżenta ħlas dovut għall-

bejgħ mis-soċjetà attriċi lill-konvenuta ta’ materjal għar-riċiklaġġ, li kien jikkonsisti f’karta u ħġieġ.

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, iżda hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti miżmuma quddiem it-Tribunal;

Ra l-verbal tat-23 ta’ Ġunju 2016 fejn is-soċjeta` attriċi nfurmat lit-Tribunal illi fil-mori tad-differimenti, l-konvenuta ħallset is-sorte u jonqos li jiġi deċiż biss il-kap tal-ispejjeż.

Ra li t-Tribunal iddiferixxa l-kawża għas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż għas-seduta odjerna.

Ra illi l-pagament tas-sorte sar fil-mori tal-kawża.  Ra illi it-Tribunal mill-ewwel udjenza tas-smigħ kien ġie nfurmat bil-possibilita` ta’ tranżazzjoni bejn il-partijiet. Ikkunsidra illi l-konvenuta effettivament irregolat ruħha fil-mori tal-kawża u wettqet il-pagament mitlub minnha fl-Avviż tat-Talba.

Ikkunsidra li ma jirriżultax mill-atti li s-soċjeta` attriċi kienet interpellat lill-konvenuta b’ittra legali jew uffiċċjali qabel ma ntavolat il-kawża odjerna. Illi, in viżta li l-konvenuta kienet immedjatament disposta li tirregola ruħha, possibilment, kieku ġiet interpelleta b’ittra legali jew uffiċċjali, din il-kawża setgħet ġiet evitata.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jesprimi ruħu fuq il-mertu tal-kawża, jiddeċiedi dwar l-ispejjeż tal-kawża illi dawn għandhom jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur